

Brussell, 2 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9277/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0155 (COD)**

LIMITE

JAI 661
ENFOPOL 168
CRIMORG 90
IXIM 104
DATAPROTECT 95
CYBER 145
COPEN 140
FREMP 134
TELECOM 153
COMPET 407
MI 318
CONSOM 88
DIGIT 95
CODEC 661

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Regolament li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan¹, li għandu l-għan li jobbliga lill-fornituri ta' servizzi online, bħall-fornituri ta' servizzi ta' hosting u ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, jipprevjenu d-disseminazzjoni, id-detezzjoni, ir-rappurtar u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ("CSAM"), jipprevjenu, jidentifikaw u jirrapportaw is-solleċitazzjoni tat-tfal ("grooming"), u jstabbilixxu aġenzija deċentralizzata ġdida tal-UE (iċ-Ċentru tal-UE għall-prevenzjoni u

¹ 9068/22.

għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal)² biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-Regolament propost, flimkien ma' network ta' Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni nazzjonali u awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħra.

2. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva ordinarja).
3. Sa issa, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi - Pulizija (LEWP-P) eżamina l-proposta waqt ħamsa u tletin laqgħa, bil-ħsieb li jitħejja mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew.
4. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ l-opinjoni bil-miktub tiegħu fis-26 ta' April 2023³.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq fil-31 ta' Mejju 2023, fit-13 ta' Ottubru 2023 u fl-4 ta' Settembru 2024, u rċieva rapport ta' progress f'Diċembru 2023.
6. Il-Kunsill irċieva rapporti ta' progress f'Diċembru 2022 u f'Ġunju 2024 u kellu diskussjoni bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali parzjali fil-laqgħa ta' Diċembru 2024.
7. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) għandu r-responsabbiltà ewlenija għan-negozjati dwar il-proposta. F'Ottubru 2022 il-kumitat ħatar lill-MEP Javier Zarzalejos (PPE, ES) bħala r-relatur. Il-Kumitat LIBE adotta r-rapport tiegħu fl-14 ta' Novembru 2023, u d-deċiżjoni biex jinbdew negozjati interistituzzjonali ġiet ikkonfermata fit-22 ta' Novembru 2023.
8. Ir-Regolament (UE) 2021/1232 li jipprovdi deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online japplika sat-3 ta' April 2026.⁴

² L-għażla tas-sede taċ-Ċentru tal-UE hija ppjanata li tkun soġġetta għal ftehim interistituzzjonali dwar il-proċedura tal-għażla applikabbli għal aġenziji ġodda tal-UE li jsegwi l-eżempju tal-għażla tas-sede tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus. 8787/23.

³

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024.

II. PROGRESS TAL-ĦIDMA MATUL IL-PRESIDENZA POLLAKKA

9. Taħt il-Presidenza Pollakka, il-LEWP-P iddedika ħin u sforzi konsiderevoli biex jiġi żviluppat approċċ ġdid għar-Regolament propost u biex jiġu abbozzati testi ta' kompromess fil-laqgħat tal-5 ta' Frar⁵, il-11 ta' Marzu⁶, it-8 ta' April⁷ u t-23 ta' Mejju 2025⁸. Barra minn hekk, fid-29 ta' April 2025 saret laqgħa tal-kunsillieri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.
10. Il-Presidenza kkonċentrat l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva għal kompromess li jipprovdi għodod effiċjenti biex jiġi limitat it-tixrid tal-abbuż sesswali tat-tfal online filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u jiġi indirizzat it-tħassib relatat mal-protezzjoni tar-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà:
- Il-Presidenza ssuġġeriet (1) it-tkomplija tad-detezzjoni volontarja mmirata mill-fornituri skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1232/2021 minflok ma tiġi stabbilita l-possibbiltà għal ordnijiet ta' detezzjoni u (2) il-protezzjoni taċ-ċibersigurtà inkluż il-kriptaġġ, filwaqt li s-servizzi li jużaw il-kriptaġġ minn tarf sa tarf jinżammu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.
 - Ġiet proposta klawżola ta' rieżami bl-istedina lill-Kummissjoni biex fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament tivvaluta l-possibbiltajiet legali u teknoloġiċi ta' detezzjoni obbligatorja fil-futur.
 - Ġie introdott it-tisħiħ ta' aspetti tal-prevenzjoni, inkluż it-tnejn ta' strateġiji nazzjonali ddedikati mill-Istati Membri u strateġija komprensiva ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni miċ-Ċentru tal-UE.
 - Saret aktar enfasi fuq miżuri għall-protezzjoni tat-tfal fl-ambjent diġitali. Ġie propost li l-kollaborazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi, l-Istati Membri, partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u ċ-Ċentru tal-UE għandha tappoġġa l-isforzi għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u tikkontribwixxi għall-qafas usa' tal-protezzjoni tat-tfal.

⁵ 5352/25.

⁶ 6475/25.

⁷ 7080/25.

⁸ 8621/25.

- Sussegwentement, il-Presidenza ħadmet mad-delegazzjonijiet fuq simplifikazzjonijiet biex jitnaqqsu l-kumplessitajiet u l-piż amministrattiv. Dan jinkludi t-tħassir tal-kategorizzazzjoni tar-riskju u tas-sinjal ta' riskju mnaqqas, u l-allinjament tal-proċedura biex il-fornituri jiġu ordnati jwettqu valutazzjoni tar-riskju jew miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju addizzjonali jew aġġustati mad-dispożizzjonijiet diġà eżistenti dwar is-setgħat ta' infurzar tal-awtoritajiet kompetenti. Ta' prijorità għall-Presidenza wkoll huwa l-għoti ta' appoġġ lill-intrapriżi mikro, żgħar jew ta' daqs medju fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-aspetti tekniċi ta' miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskju.
11. Fil-laqgħa tal-LEWP-P tat-23 ta' Mejju 2025, il-Presidenza nnotat li wara l-eżami ta' test ta' kompromess inizjali u ta' żewġ testi ta' kompromess sussegwentement riveduti u skambju ta' fehmiet ibbażat fuq dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza, ma kienx hemm bżonn li jitkompla l-eżami fil-livell tekniku, peress li l-mistoqsijiet tekniċi kollha kienu ġew indirizzati b'mod komprensiv

III. KONKLUŻJONI

12. Minkejja l-isforzi kollha tal-Presidenza biex tikseb appoġġ għal proposta ta' kompromess, aktar ħidma hija meħtieġa biex jintlaħaq ftehim għal mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew.
13. Sar improbabbli li ftehim interistituzzjonali dwar ir-Regolament propost jista' jintlaħaq fil-ħin sabiex ikun jista' jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi r-Regolament (UE) 2021/1232 estiż. Sabiex tiġi evitata lakuna legali, il-Presidenza tistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi estensjoni ulterjuri tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232.
14. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress tal-ħidma tal-Presidenza dwar ir-Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.